MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Numru. 28/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**RITIENNE BRIGUGLIO**

**(ID: 127481M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **RITIENNE BRIGUGLIO,** detentrici tal-karta ta’ l-identita' numru 127481(M) fil-kapacita taghha bhala direttrici u sid tal-istabbiliment kummercjali bl-isem ta’ Ritienne’s Nail Bar giet imressqa quddiemha u akkuzata talli f’xi granet, f’Awwissu, 2012 u qabel, b’diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dawn il-Gzejjer:

1) Iffalsifikat jew biddlet minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement ghamlet uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, mighajr il-kunsens tas-sid;

2) xjentement ghamlet uzu ta’ marka, sinjali, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bieghhet merkanzija b’din il-marka, sinjal jew emblema;

3) xjentement qieghdet fic-cirkolazzjoni, bieghhet jew zammet ghandha ghall-bejgh jew importat ghall-hsieb ta’ kummerc merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ sejbien ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom fedina penali mmarkata bhala Dok. RS1 a fol. 5, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. RS2 a fol. 6 u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Jannar, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. RS3 li jinsab a fol. 7 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar it-18 ta' Gunju, 2013 xehed l-**Ispettur Rennie Stivala** u spjega li nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju, tal-elfejn u tnax (2012) is-sezzjoni taghhom irceviet *complaint* minghand Dr. Noel Camilleri ghan-nom tat-202 Jewelleries fejn dawn infurmawhom illi kienu jafu b'xi hwienet fosthom il-hanut illi huwa tal-imputata Ritienne's Nail Bar li jinsab Cospicua Road, Paola. Dana allegatament kienu qed ibieghu *costume jewellery* ffalsifikat tal-marka Tresor Paris. Infurmawhom ukoll illi huma kienu diga' baghtu *test purchase* fil-hanut biex ikunu jistghu jakkwistaw wahda minn dawn ic-cpiepet, xtrawha, inghataw ircevuta u pprezentawha lill-Pulizija meta ghamlu l-Kwerela u talbu lill-Pulizija tinvestiga. Sussegwentement intalab mandat u huma marru fil-hanut Ritienne's Nail Bar fl-erbatax (14) ta' Awwissu, tal-elfejn u tnax (2012).

Meta ghamlu tfittxija fil-hanut ma rrizultax li kien ghad fadal minn dawn ic-cpiepet. Kellmu lil sid il-hanut Ritienne l-imputata u qaltilhom li ma kienx fadalla. Hija kienet xtrat ftit minnhom xi tlieta (3) jew erbgha (4) u tiftakar

li bieghithom pero' fil-hanut ma rrizulta xejn u wara ma rrizultax li kien fadal minn dal-materjal. Sussegwentement hija giet mghajta tmur il-Kwartieri Generali fejn giet moghtija d-dritt tal-Avukat pero' rrifjutat li tkellem Avukat, qabel giet debitament imwissija u wara giet mitkellma.

Hi spjegat illi bazikament kienet titla' Sqallija xi tlieta (3) jew erba' (4) darbiet f'sena biex tixtri xi xoghol illi kienet tbiegh minnu fil-hanut taghha. Spjegat ukoll illi tixtrihom minghand Ciniz li ghandu hanut fil-monti ta' Catania. Hija qalet illi kienet xtrathom bhala *costume jewellery* fis-sens ta' bla *name* partikolari biex ikunu cari, biss ovvjament meta giet mistoqsija u giet affaccjata bil-fatt illi meta qieghda tbieghhom kienet qieghda tbieghhom bil-marka ta' Tresor Paris fuqhom, bil-kaxxa tat-Tresor Paris u kien hemm anke affarijiet ohra speci kkupjati ezatt minn fuq id-ditta. L-ispjegazzjoni kienet illi dawk huma affarijiet li jinghataw maghhom u jinbieghu hekk. Meta giet mistoqsija kemm bieghithom spjegat li jinbieghu madwar *twenty Euros* (€20) u spjegat ukoll li ma kellhiex aktar la fil-hanut u lanqas bnadi ohra.

Huwa pprezenta l-Istqarrija taghha fejn gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' PC 832 Duncan Vella u l-firma tal-imputata Ritienne Briguglio, li giet immarkata bhala Dok. SR 1, ir-rifjut tal-Avukat bhala Dok. SR 2 fejn gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' WPC 287 Rose Marie Ellul u PC 832 Duncan Vella flimkien mal-firma tal-imputata. Ipprezenta l-Kwerela li rcevew li giet immarkata bhala Dok. SR 3 kif ukoll ipprezenta bhala esebiti l-oggetti li nxtraw mill-hanut kif gew prezentati lilhom bil-basket li huwa tal-hanut Ritienne's Nail Bar, ic-cappetta li xtrat Tresor Paris fil-kaxxa ta' Tresor Paris flimkien mal-ircevuta tal-hanut bhala dokument wiehed Dok. SR 4. Spjega

li din hija cappetta illi pprovdielhom il-*complainant* li hija ezatt bhala pero' hija l-originali biex ikun jista' jsir *comparison* ukoll flimkien mal-basket taghha li gie pprezentat bhala SR 5.

Huwa spjega li fil-hanut kien hemm affarijiet ohra, kien hemm diversi *costume jewellery* zghar pero' huma bla ditta. Mistoqsi jekk hux inkluz dawn tat-Tresor Paris huwa spjega li nkluz dawn, biss fil-hanut ma kienx ghad fadlilha meta ghamlu s-*search* huma. Mistoqsi jekk qaltlux mil-liema hanut kienet xtrat jew f'liema nhawi huwa spjega li le forsi fil-monti ta' Catania.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi jekk jikkonfermax illi l-imputata meta giet mitkellma fil-Kwartieri tal-Pulizija stqarret maghhom li l-affarijiet kienet tixtrihom minn Sqallija u jekk jaqbilx s'hemmhekk huwa spjega li jaqbel. Mistoqsi jekk semmietlux xi hanut partikolari jew mill-monti ta' Catania huwa spjega li le jiftakar li qaltlu minghand Ciniz fil-monti ta' Catania. Mistoqsi jekk jiftakarx x'qaltlu dwar il-mod li bih kienet tixtrihom u jekk kinitx titla' specifikament ghal dik id-ditta jew inkella kinitx tmur tqalleb go qoffa per ezempju u li jogghobha tixtri huwa wiegeb li le ma tkellmux f'dak is-sens.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami gie mistoqsi fix-xhieda tieghu jekk l-imputata qaltlux li hi kienet titla' Catania biex tixtri xi affarijiet issa fost dawn l-affarjiet allura nxtrawx ukoll dawn l-oggetti bil-marka Tresor Paris huwa spjega li hekk hu. Mistoqsi issa ghal rigward l-awtenticita' ta' dawn l-oggetti ta' Tresor Paris jew le x'kienet qaltlu, jekk jiftakar sewwa, ma jahsibx illi kienet konxja jekk hiex xi ditta kkuppjata jew le. Hija kienet taf

ghax hi giet mistoqsija direttament: "Ismaghni qieghda tbiegh cappetta li ghandha ditta fuqha u qieghda tbieghha go kaxxa illi ghandha ditta fuqha?" Jigifieri d-ditta hija ovvja mhux bhala *jewellery* ohra, *costume jewellery* ohra li kien hemm fil-hanut. Ovvjament it-twegiba taghha pero' kienet li ma kinitx taf. Gie mistoqsi jekk ghar-rigward tal-valur hu tkellimx mal-kwerelant dwar il-valur reali tal-brazzuletta Tresor Paris huwa spjega li iva. Mistoqsi jekk bejn il-valur jistax jispjega kemm hu l-valur reali u kemm kienet tbieghhom l-imputata  huwa spjega li milli nfurmah il-kwerelant jidhirlu illi tinbiegh madwar mija u sebghin Ewro (€170) ic-cappetta mill-hanut taghhom. Mistoqsi jekk hux l-originali huwa spjega li l-originali. Mistoqsi rigward il-falza huwa spjega li l-valur taghha kif jixhed sew l-ircevuta li tat l-imputata lit-*test purchaser* u kemm anke l-valur li hi tat fl-*Istatement* jinbieghu ghoxrin ewro (€20).

L-istess xhud fl-istess seduta in ri kontro-**ezami** gie mistoqsi li waqt li hu kien qed jinterroga l-imputata u staqsiha specifikament dwar id-ditta Tresor Paris hi ma kinitx konxja ta' din il-*brand* huwa spjega li le jaf li qal ghalhekk ried jispjegaha b'mod car il-ghaliex illi hija ditta taf li hija ditta, l-imputata kienet taf li hija ditta. Huwa spjega li tikteb x'tikteb kienet tidher u kienet taf li hija d-ditta. Huwa spjega li hasbet li setghet tixtriha mill-istess hanut fejn tixtri, almenu kif spjegat lilu *costume jewellery* ohra li huwa bla ditta. Gie mistoqsi li hi tkellmet maghhom fuq dan ir-rigward meta qed jghidlu ditta hi ma kinitx taf  *all right* ghandha isem hija ovvja ghax hemm l-isem qieghed fuq il-kaxxa imma kienet taf jew ma kinitx taf li hija *brand*. Huwa spjega li le hekk ma jahsibx u ma jahsibx li jaqbel mieghu u spjegalu jekk huwa jbieghlu cappetta Love miktuba fuqu dik ma hijiex ditta, qed jiktiblu xi haga, pero' hi kienet taf illi l-isem li hemm huwa *brand*.

Mistoqsi kif kienet taf huwa spjega li le, kienet konxja, meta tkellima kienet konxja. Mistoqsi x'qed jahseb hu, huwa spjega li le, kienet meta tkellmu. Huwa spjegalu li mhux staqsieh jekk meta tkellmu kinitx konxja u hu qed jghidlu li meta tkellmu hi u hu kienet konxja. Mistoqsi kif jaf li kienet konxja ghax hi ma tafx, ma kinitx taf b'din id-ditta dawn tixtrihom minn go qoffa hi jigifieri huwa spjega li issa hu ma jafx minn fejn tixtrihom. Gie mitlub mill-Qorti sabiex jispjegalhom kif wasal ghall-konkluzjoni li kienet konxja huwa spjega li le mid-diskors li sar bejniethom meta tkellmu, iktar minnhekk ma jafx kif jista' jispjega huma tkellmu. Mitlub jispjega mhux x'jahseb hu huwa spjega li le mhux kwistjoni li jahseb qed jghidlu mid-diskors li sar jahseb joqghod id-dar bilqieghda wahdu jahseb mhux meta jitkellem. Huwa kompla jispjega illi meta tkellem mal-imputata qalilha qed tbiegh xi haga ta' ditta li ghandha *brand* fuqha qed tbieghha gol-kaxxa bil-*brand* jigifieri qed timmarkitja l-*brand*. Qaltlu li hija hasbet li setghet tixtrihom u setghet tbieghhom bhal ma qed tixtri u tbiegh affarijiet ohra daqshekk jigifieri jafu li hemm id-differenza ta' *brand*. Issa jekk iridu jghidu ghax forsi heqq iddahhal ghax dil-*brand* mhix daqshekk kullhadd jaf biha bhal *brands* ohra, imma dak mhux l-argument ghax huma fuq *brand* qed jitkellmu. *Brand name* la registrat huwa *brand name*. Mistoqsi jekk l-imputata kienet *aware* jew le ma kinitx *aware* illi hawn agent iehor Malta li jgib dik id-ditta huwa spjega li hu ma jistax ikun jaf. Huwa spjega li ma jistax ikun jaf jekk hijiex *aware* li hemm agent. Mistoqsi jekk huwa staqsijhiex jew le huwa spjega li huwa ma staqsijhiex huwa lilha nfurmaha illi l-agent ewlieni ta' dik il-*brand* qed jaghmel *complaint* kontra taghha ghax qed taghmillu d-danni.

Mistoqsi jekk hi ma kinitx taf li hawn agent hawn Malta jbieghhom huwa spjejga li ma jiftakarx li staqsieha, ma jahsibx, ma jiftakarx li staqsieha le jigifieri ma jahsibx li qieghed fl-Istatement.

Illi nhar it-18 ta' Gunju, 2013 xehed **Martin Galea** u spjega li huwa *Owner* u *Chairman* tal-kumpanija 202 Jewellery. Il-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghall-kwerela illi hu baghtilhom fl-ghaxra (10) ta' Lulju, tal-elfejn u tnax (2012) li qieghda mmarkata bhala Dok. SR 3 u gie muri lilha. Gie mitlub jispjega lill-Qorti x'wassal ghal din il-Kwerela u huwa spjega li hemm klijenti taghhom u nies li jixtru l-prodott Tresor Paris marru l-hanut u qalulhom li qed isibu l-prodott li xtraw minghandhom xi mkien iehor b'hafna prezz inqas. Kellhom ukoll klijenti li marru biex jibdlu l-prodott ghax kellhom il-problema fil-prodott u kellhom jghidulhom li l-prodott ma kienx genwin. Mistoqsi huma x'azzjoni hadu huwa spjega li huma kellmu lill-*owners* Tresor Paris biex jikkonfermaw li l-prodotti taghhom gew mibghuta minghand Tresor Paris u kkonfermawha.

Baghtilhom il-prodott li giet *returned to us* u kkonfermaw li dawn huma prodotti li m'humiex Tresor Paris allavolja qed igibu l-isem Tresor Paris. Gie mistoqsi jekk huma mal-kwerela prezentaw xi affarijiet u gie mitlub jispjega x'inhuma, huwa spjega li ovvjament billi huma l-agenti tat-Tresor Paris ghandhom konferma li huma bhala *recognised and appointed representitives* tat-Tresor Paris Malta inghataw l-awtorita' li jfittxu lil kull min kien qed ibiegh Tresor Paris foloz. Gie mistoqsi meta huma rcevew din il-informazzjoni biex jivverifikaw x'passi hadu huwa spjega li baghtu mara biex tixtri l-prodott mill-hanut. Gie muri dokument SR 4 fejn hemm il-basket, cappetta u rcevuta u spjega li hemm basket ta' Nail Bar. Mistoqsi x'isem hemm fuq il-basket wiegeb li huwa Ritienne's Nail Bar Accessories and Costume Jewellery, kaxxa li turi l-Logo ta' Tresor Paris u rcevuta. Mistoqsi minn min, mahruga huwa spjega li mill-hanut tad-dwiefer

Ritienne Briguglio Nail Bar, Triq Bormla, Paola. Il-prezz huwa ghoxrin ewro (€20) u l-brazzuletta in kwistjoni hija falza.

Huwa spjega li ghadda lill-Prosekuzzjoni prodott tat-Tresor Paris bil-kaxxa tat-Tresor Paris originali biex jipprova lill-istess prosekuzzjoni li l-brazzuletta nxtrat minghand Ritienne Briguglio Nail Bar ma kientix originali. Il-Qorti spjegat li qed jaghmel referenza ghal Dok. SR 5. Huwa spjega li huwa normali ghalihom li jaghtu garanzija tal- affarijiet genwini li huma jbieghu. Huwa spjega li huma l-unika nies li jistghu jaghtu dak ic-certifikat. Gie mistoqsi hawn Malta barra t-202 Jewellers min hemm li jista' u awtorizzat li jbiegh il-prodott awtentiku Tresor Paris huwa spjega li hadd aktar hliefhom. Gie mistoqsi jekk jaghtux dan il-prodott lil xi hadd iehor lokali sabiex jinbiegh wiegeb fin-negattiv. Spjega li fil-prodott li nxtara minghand Ritienne's Nail Bar ma kienx hemm garanziji. Gie mistoqsi jekk qattx tkellmu ma l-imputata f'isem Ritienne's Nail Bar jew jekk qatt kellhom xi diskussjonijiet maghha dwar dan il-prodott jew tkellmu maghha jew kellmithom hi wiegeb fin-negattiv. Gie mistoqsi l-valur tal-prodott mibjugh minnhom u jispjega li l-original tiswa 169 *Euros*. Jghid li dan huwa r-*recommended retail price* mahrug minn Tresor Paris. Mistoqsi l-oggett li nxtara minghand Ritienne's Nail Bar jiftakarx kemm kien jiswa jghid li nxtara ghall-ammont ta' ghoxrin ewro (€20).

Huwa spjega li jekk tal-hanut ghandu problema x'jikteb fuq l-ircevuta ghaliex fuq l-ircevuta esebita hemm miktub 'nails' ma jistaqsix lilu. Mistoqsi mill-Qorti l-istruzzjonijiet x'kienu li taw lil dik il-mara li marret tixtri t-*test purchase* tghid li qalulha biex tmur ghand in-Nail Bar u tistaqsi ghall-brazzuletta Tresor Paris. Mistoqsi jekk dak il-pakkett gabitux lura hi

huwa wiegeb li iva. Mistoqsi jekk dak il-basket l-iswed l-originali hux taghhom huwa spjega li iva. Gie mistoqsi l-garanzija li jaghtu dik huma jipprintjawha huma jigifieri mhux tigi mit-Tresor Paris huwa spjega li *life time guarantee supported by* Tresor Paris. Mistoqsi jekk il-garanzija jipprintjawhiex huma wiegeb fl-affermattiv.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri kontro-ezami gie mistoqsi jekk hu jafx jekk tistax tixtrihom mill-*ebay* dawn il-*costume jewellery* jekk hux konxju huwa spjega li iva t-Tresor Paris ma tistax tixrih minn fuq ebay tista' tixtri *fakes*.

Illi nhar it-18 ta' Gunju, 2013 xehdet **Karen Muscat** u spjegat li hija tahdem mat-202 Jewellery u tahdem bhala Sales Director. Giet mistoqsija jekk hijiex konxja li saret kwerela min-naha ta' 202 Jewelleries lill-pulizija sabiex tinvestiga xi *jewellery* li huma qed jghidu li mhix originali  u hija wiegbet li iva. Giet murija d-dokument SR 3 u giet mistoqsija jekk tikkonfermax li dik hija kwerela li ghamlu lill-Pulizija ghall-proceduri odjerni u hija spjegat li iva.

Mistoqsija kontra min f'dan il-kaz partikolari saret din il-kwerela hija spjegat li saret kontra Ritienne Briguglio. Il-Qorti staqsietha jekk hija ghamlitx xi kors partikolari fuq dawn l-oggetti ta' Tresor Paris wiegbet fl-affermattiv u qalet ukoll li ghandhom *manuals* tal-oggetti li hemm ghal bejgh. Giet murija Dokument SR 4 li kienipprezentat mal-kwerela u Dok. SR 5 li huwa l-prodott taghhom u giet mitluba biex tispjega d-differenza. Rigward SR 4 hija spjegat li ovvjament il-kaxxa hija differenti u l-*packaging* huwa differenti totalment. Tresor Paris ma joffrux din it-tip ta' *packaging*

infatti hemm kollox inkluz il-*manual*. Spjegat li f'pagna sittax (16) jidhru l-kaxxi li jinghataw mal-bracelets.

Mill-katalgu ma jidhirx li tezisti din it-tip ta' kaxxa ghal dan il-prodott. Issa *rigward* il-prodott l-ewwel haga hemm il-kwalita' tal-kristalli li ghandhom it-Tresor Paris jigu kkattjati kollha bl-idejn bhad-djamanti jigifieri ghandhom il-*facades* biex huma jigu jleqqu *oltre* li kull *sphere* gewwa ghandhom *magnetite* u dik hija li taghmilhom specjali u differenti. *Oltre dan* fuq il-*magnetite* hemm il-Logo tat-Tresor Paris ingrevjata. F'dal-kaz il-Logo huwa *just printed* mhux *engraved*. Oltre dan jekk klijent imur per ezempju l-hanut taghhom bi brazzuletta tat-Tresor Paris huma jindunaw li hija originali jew le specjalment mill-*length* tal-*cord*. Il-*length* tal-*cord* in-normali tat-Tresor Paris min-naha sa ohra ma tkunx iktar minn *ten* (10) *centimeters* twila. B'referenza ghal Dokument SR 5 huma jindunaw li l-brazzuletta mhijiex originali ghaliex ghandha daqs differenti, apparti l-*packaging*. Gie ezebit il-booklet ezebit animo ritirandi u gie mmarkat bhala Dokument KM 1. Hija spjegat li ma' kull prodott li jinxtara minghandhom huma jaghtu bhala *warranty booklet* tad-ditta Tresor Paris. Fuq wara tal-prodott ikun hemm ukoll il-*warranty* tal-prodott u l-*packaging* li suppost jigu fihom ukoll.

Giet mistoqsija jekk huma meta persuna tixtri xi haga minghandhom tat-Tresor Paris huma jpoggu l-oggett fl-istess *packaging* li jinghata madwar id-dinja wiegbet illi jekk brazzuletta li l-valur taghha jeccedi l-mija u dsatax-il ewro (€119) din titpogga go kaxxa u jekk il-valur tal-oggett ikun inqas minn mija u dsatax-il ewro (€119) jinghata go *pouch*. Jekk imbaghad ikunu prodotti ohra bhal imsielet dawn ghandhom *packaging* iehor. Mistoqsija

dak il-*packaging* minn fejn jigi hija spjegat li dan jigi direttament mit-Tresor Paris. Dwar differenza li hemm bejn l-original u l-*fake* x-xhud tispjega li jkun hemm varjanza fit-tul tal-*cord*, jigifieri mill-ewwel jindunaw li mhijiex originali *u anke* l-*magnetite* li huma *real stones* fil-brazzuletti li ma jkunux originali ma jkunux veri u ghalhekk qisek tinduna mill-ewwel li m'humiex originali mill-*feel* taghhom.

Ix-xhud giet mistoqsija kemm ilha tahdem f'dan ix-xoghol u spjegat li ilha sentejn (2). Mistoqsija jekk hija jkollhiex kuntatt mar-rapprezentanti ta' din id-ditta u dawn gieli gew Malta, gieli kellmithomx hawn Malta hija spjegat li iva. Mistoqsija jekk gewx jaghtu kors partikulari fuq dan hija spjegat li jaghmlu bhala *get together* u ovvjament tispjega l-prodott. Mistoqsija x'kien jinkludi dan il-kors li ghamlet biex tiddentifika hija spjegat li l-ewwel haga illaunchjathom ghax kien ha johrog *catalogue* gdid. Mistoqsija min hija spjegat li r-rapprezentanta, tghid li hija Karen Moore li giet turihom il-*collection* il-gdida li se tohrog u l-prodotti bhala kwalita' u materjal il-godda li ser johorgu *plus* li tispjega fuq il-prodott in generali. Mistoqsija dan il-kors kemm dam nofs ta' nhar jew gurnata hija spjegat li qisu jibda mill-ghaxra (10:00) u gieli jispiccaw fis-sebgha ta' filghaxija (7:00pm).

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami giet mitluba tispjega rigward dak id-dokument iz-zghir u spjegat li dak jintuza biss ghall-imsielet, ghall-*belly bars* ghall-*belly buttons* u ghac-*charm* tal-*mobile phone*. Esebiet *pouch* bhala Dok. KM 4 *animo ritirandi* u l-*warranty* is-*summary* tieghu bhala Dok. KM 5.

Illi nhar l-14 ta' Ottubru, 2013 xehdet **Adrianna Copperstone** u giet mistoqsija tispjega lil din il-Qorti x'kienet din il-bicca xoghol partikolari li hija tqabbdet taghmel minn ta' 202 Jewelleries u hija spjegat li hija marret tixtri t-Tresor *bracelet*, fejn jigifieri staqsiet lis-*salesperson* ghaliha. Mistoqsija fejn marret hija spjegat li marret fil-hanut imsejjah Ritienne's Nail Bar li jinsab Rahal Gdid, staqsiet ghal brazzuletta u tal-hanut uritielha u haditha wara li hallsitha. Mistoqsija kemm hallset taghha hija spjegat li hallset *twenty euros* (€20). Mistoqsija x'inghatat hija spjegat li nghatat il-*bracelet*, ircevuta maghluqa gol-*bag*, imbaghad minn hemmhekk hija rritornatha lill-hanut il-Fgura 202 Jewellery. Mistoqsija jekk il-persuna li bieghetilha c-cappetta taghrafhiex fl-Awla hija spjegat li le ma tiftakarhiex. Mistoqsija jekk lil din il-persuna rathiex kemm-il darba hija spjegat li darba biss dakinhar li marret tixtri. Mistoqsija kemm ilu dan hija spjegat li sena ilu.

Illi nhar il-14 ta' Ottubru, 2013 xehed **PS832 Duncan Vella** u spjega li fl-14 ta' Awissu, 2012 ghall-habta ta' nofsinhar nieqes kwart huwa flimkien mal-Ispettur kienu marru jesegwixxu mandat tat-tfittxija ghal cpiepet foloz tat-Tresor Paris. Kienu marru gewwa Ritienne's Nail Bar gewwa l-Fgura u hemmhekk kienu tkellmu ma' sid il-hanut certu Ritienne Briguglio li gharaf hemmhekk gewwa l-Awla u ndika l-persuna l-imputata. Hemmhekk kienu ddentifikaw ruhhom bhala Pulizija, tawha r-raguni tat-tfittxija, l-imputata kkoperat maghhom, ghamlu t-tfittxija pero' ma kienux sabu cpiepet foloz hemmhekk dakinhar. Mistoqsija mbaghad x'sar izjed fuq il-kaz huwa spjega li aktar tard l-imputata kienet marret il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u giet mitkellma mill-Ispettur Stivala. Saret referenza a fol. 20 tal-process u gie mistoqsi x'jista' jghid fuq din il-karta huwa spjega li din hija d-dikjarazzjoni tar-*rifjut* tal-parir legali qabel tigi nterrogata mill-Pulizija u fiha gharaf il-

firma tieghu, il-firma tal-Ispettur, il-firma tal-imputata u l-firma ta' WPC 287.

Saritlu referenza ohra a fol. 18 u 19 tal-process u gie mistoqsi fuq dan x'jista' jghid huwa spjega li din hija stqarrija illi ttiehdet fl-14 ta' Awissu, 2012 fl-ufficcju tal-Ispettur Stivala fiha jaghraf ukoll il-firma tieghu, il-firma tal-Ispettur u l-firma tal-imputata. Spjega illi qabel ittiehdet din l-istqarrija l-imputata giet mgharrfa bid-drittijiet legali taghha kollha skond il-ligi. Mistoqsi jekk hux qieghed jaghraf lill-imputata prezenti fl-Awla huwa spjega li qed jaghrafha fl-Awla. Mistoqsi jekk jikkonfermax li l-imputata nghatat it-twissija skond il-ligi huwa kkonferma wkoll. Mistoqsi jekk irrilaxxatx l-istqarrija b'mod volontarju huwa spjega li jikkonferma li hekk kien il-kaz. Mistoqsi jekk jikkonfermax il-kontenut tal-istqarrija huwa spjega li jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija wkoll.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami gie mistoqsi kemm ilu stazzjonat f'dan id-dipartiment huwa spjega li m'ghadux hemmhekk. Mistoqsi kemm ghamel f'dan id-Dipartiment li kien stazzjonat fih qabel huwa spjega li ghamel xi tlett snin erbgha pero’ mhux cert ezatt. Mistoqsi jekk kienux jaghmlu diversi *searches* dwar prodotti li huma allegatament foloz huwa spjega li gieli ghamlu. Mistoqsi jekk gieli ghamlu *searches* bhal dawn fuq *costume jewellery* huwa spjega li ma jiftakarx, huwa ma jidhirlux li qatt ghamel qabel fuq *jewellery.* Mistoqsi jekk per ezempju *searches* ghal din it-tip ta' ditta partikolari Tresor Paris qattx ghamel kemm dam f'dawn it-tlett snin huwa spjega li huwa le qatt ma' ghamel.

Illi nhar il-25 ta’ Awwissu, 2014 xehed **Keith Caruana** u spjega li huwa hawnhekk qed jixhed ghan-nom u in rappresentanza ta' Trade Licensing Office. Gie mitlub sabiex jaghmel ricerka fuq Ritienne Briguglio u dan sabiex jara jekk hija effettivament ghandhiex xi licenzja tal-kummerc u spjega li fil-fatt hemm registrat licenzja f'isimha fil-fond 129, Ritienne's Nail Bar, Triq Bormla, Paola. Il-licenzja li ghandha hija ta' Nail Technician. Huwa esebixxa kopja ta’ dan id-dokument ai fini ta' din l-investigazzjoni maghmula minnu li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dokument RB.

Illi nhar it-13 ta’ Ottubru, 2014 xehdet **Ritienne Briguglio** u spjegat li hija ghandha hanut li huwa Nail Technician u go dan il-hanut ghandha vetrina zghira u tbiegh l-*accessories*. Ghal dawn l-*accessories* hija titla' ghalihom Catania darbtejn (2), tlieta (3) fis-sena u hija tmur il-monti ta' Catania u darba fost l-ohrajn hija marret Catania u gabet tlett (3) icpiepet. Fost ix-xoghol li hija gabet in konnessjoni man-Nail Technician gabet tlett (3) icpiepet tat-Tresor Paris. Hija ma kinitx taf x'inhuma dawn ic-cpiepet qabel effettivament gabithom. Saret taf x'inhuma effettivament man’ mano li bdew dawn il-proceduri fil-konfont taghha. Spjegat li fil-fatt dawn ic-cpiepet kienu fuq it-*trays* tal-monti ta' Catania u fil-fatt hija tefghathom fil-vetrina ta' barra u spjegat li effettivament dawn ic-cpiepet kienu moda. Huma habel bil-bocci speci fuq. Effettivament spjegat illi dawn ukoll inbieghu u ma tafx jekk kienx baqa' minnhom meta gew il-Pulizija ghandha u onestament lanqas ma tiftakar il-prezz taghhom. Huwa minnu li meta l-Pulizija kienet baghtet ghaliha f'Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012) kienet urietha cappetta minn dawn li kienet bieghet u effettivament kienet urietha wkoll ricevuta taghha u spjegat li kemm fuq ic-cappetta kif ukoll fuq il-kaxxa kien hemm miktub Tresor Paris. Mhux l-ewwel darba li hija tikteb *nails* ghall-affarijiet ohra li tbiegh una volta tohrog l-ircevuta tal-VAT.

Ghaliha ma kienet xejn stramba li effettivament l-ircevuta harget f'isem *nails*. Spjegat li ma kinitx taghmel differenza jekk kien hemm *accessories* jew *nails* ghax il-prezz hija ndikatu bhala wiehed ezatt.

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehed **Martin Galea** u spjega illi l-brazzuletti *retail* jiswew minn *one hundred and forty nine euros* (€149) il-wahda 'il fuq. Huwa ma jafx min hi l-imputata. Huwa fil-fatt kien baghat persuna ghand l-imputata sabiex jara jekk kienx hemm xi prodotti bl-isem *Tresor Paris* u jekk kien hemm kellha tixtri kampjun minn dawn il-prodotti. Huma *sole exclusive importers and retailers* ta' Tresor Paris. Fil-fatt tista' tixtri brazzuletta ta' din id-ditta ghal prezz ta' *seven hundred* (700), *eight hundred euros* (€800) ukoll.

Illi nhar il-5 ta' Frar, 2015 xehdet **Karen Muscat** u spjegat illi huma kellhom brazzuletti li jiswew *hundred and sixty nine euros* (€169) tat-Tresor Paris, kellhom ukoll brazzuletti ta' *hundred and ninteen euros* (€119) u spjegat ukoll li hemm diversi prezzijiet ohrajn. Mistoqsija jekk hija tafx l-imputata spjegat li le ma tafhiex. Hija tokkupa l-kariga ta' sales director fil-kumpanija 202 Jewellers. Mistoqsija min kien jaghmel l-ispezzjoni fil-hanut tal-imputata spjegat li mhux hi, ma tafx min mar u lanqas ma baghtet lil xi hadd hi.

Illi nhar is-17 ta' Marzu, 2015 xehdet **Adreana Copperstone in kontro-eszmi** u spjegat li tiftakar illi dakinhar hija kienet accediet fil-hanut fejn kien hemm l-imputata li qed taghraf prezenti fl-Awla bhala s-*sales girl*. Hija kienet rat brazzuletta ta' Tresor Paris u dina kienet fil-vetrina. Spjegat fil-fatt hija kienet staqsiet is-*sales girl* sabiex tara din il-brazzuletta u kienet

gharfitha kemm ghaliex kellha fuqha biljett ta' Tresor *braclet*, Tresor Paris kif ukoll minhabba l-kulur partikolari taghha.

Mistoqsija x'kulur partikolari kellha spjegat li llum-il gurnata nsiet peress li dan l-incident ilu li sehh hafna pero' tiftakar illi wara li hija kienet ghazlet din il-brazzuletta kienet ghamlitilha go *packing*. Mistoqsija jekk il-*packing* in kwistjoni kellux indikat li huwa ta' Tresor Paris spjegat li llum-il gurnata taf li nsiet. Taf li pero' kienet inghatat ukoll ricevuta minghand is-*sales girl*. Mistoqsija ghaliex illum-il gurnata qed taghraf is-*sales girl* waqt li l-ahhar darba ma gharfitx is-*sales girl* fix-xhieda li hija kienet tat fl-erbatax (14) ta' Ottubru, *two thousand and thirteen* spjegat illi hija kienet rat is-*sales girl* qabel ma dahlet fl-Awla llum-il gurnata u ftakret wiccha. Mistoqsija kif gharfitu, spjegat il-kulur partikolari li staqsiet ghaliha llum-il guranta nsietu u dan ghaliex hemm kuluri differenti. Tikkonferma li effettivament l-imputata odjerna kienet is-*sales person*. Mistqosija kif ma gharfithiex fl-erbatax (14) ta' Ottubru, spjegat li ma kinitx ratha fl-Awla. Illum gharfitha. Spjegat li effettivament l-imputata ratha diehla fl-Awla u gharfitha waqt li kienet barra l-Awla. Mistoqsija jekk il-pakkett kellux xi ditta fuqu ma tiftakarx, taf li kien pakkett zghir u minnufih marret u tatu lir-rapprezentanti tat-Tresor Paris. Spjegat li effettivament hija kienet inghatat ricevuta tal-hlas li ghamlet. Illum-il gurnata pero' nsiet il-prezz li kienet hallset.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-28 ta’ April 2015 u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti in breve li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti.

1. L-imputata kienet marret Sqallija u xtrat xi oggetti ta' *costume jewellery* minghand wiehed Ciniz minn fuq il-monti ta' Catania minn fuq xi trays u gabithom Malta biex tbieghhom mill-hanut taghha li jismu '*Ritienne's Nail Bar'* gewwa Rahal Gdid.
2. Fost l-affarijiet li kienet xtrat allegatament kien hemm tlett icpiepet tad-ditta *Tresor Paris* ghalkemm wahda biss giet identifikata mill-kwerelanti u dan wara li intbaghtet Adriana Coppestone mis-socjeta' kwerelanti sabiex taghmel *test purchase*.
3. Illi jirrizulta li Adriana Copperstone xtrat minghand l-imputata brazzuletta ta' Tresor Paris li kienet falza ghal prezz ta' €20.
4. Dwar il-fatti kif fuq elenkati ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni li effettivament l-oggett li nbiegh mill-imputata kien fil-fatt mhux originali.
5. Illi pero' jidher li l-Prosekuzzjoni tramite x-xhieda ta' Spettur Rennie Stivala donnha qed timplika li l-imputat kienet taf li kienet qed tbiegh oggetti li ma kinux genwini izda li kienu foloz waqt li d-difiza ssostni li l-imputata ma kinitx taf lanqas li l-brazzuletta *Tresor Paris* hija fil-fatt ditta li ghandha '*brand name'*.
6. Illi ghalhekk huwa l-kompitu ta' din il-Qorti sabiex tara jekk il-fatti kif fuq spjegati jaqghux fil-parametri u elementi tar-reati moghtija lill-imputata mill-Prosekuzzjoni.

Fl-ewwel lok l-imputata giet akkuzata bir-reati kif imsejha "*Qerq fil-kummerċ u fl-industrji*" kif kontemplat fl-Artikolu 298. Fil-fatt l-ewwel

akkuza hija dik naxxenti mis-**sub**-**artikolu (1) (a) tal-Artikolu 298** li jipprovdi s-segwenti:

"(1) *Kull min:*

*(a) jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta'industrja, jew, xjentement, jaghmel uzu ta'dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid";*

Illi jirrizulta minn ezami ta' dan is-sub inciz li kull minn jiffalsifika jew ibiddel, minghajr il-kunsens tas-sid l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew tal-prodott tal-industrija, jew <u>xjentement</u> jaghmel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, <u>wkoll jekk</u> minn haddiehor minghajr il-kunsens tas-sid, ikun hati ta' dan ir-reat.

Illi ghalhekk fl-ewwel lok jew ahjar fl-ewwel parti tar-reat il-Prosekuzzjoni trid tipprova li kienet l-imputata li effettivament ghamlet il-falsifikazzjoni fil-brazzuletta jew it-tibdil relattiv fiha – haga li ghamlitx u li ma giex insinwat li ghamlet fl-ebda stadju. Ma ngabet l-ebda prova li l-imputata ffalsifikat xi isem, marka, sinjal jew haga ohra elenkata fid-dispozizzjoni tal-Ligi in ezami. Konsegwentement l-ewwel parti tal-imputazzjoni zgur ma tirrizultax.

Issa fir-rigward it-tieni parti tal-akkuza u cioe' li '*xjentement*' ghamlet uzu minn din il-marka jew sinjal iffalsifikata wkoll jekk minn haddiehor

minghajr il-kunsens tas-sid, il-Prosekuzzjoni trid tipprova x-xjenza ta' l-imputata. Din il-parti tal-akkuza tista' tinqara flimkien mas-**sub-inciz (b) u (f) tal-Artikolu 298 ta' l-Kapitolu 9** tal-ligijiet ta' Malta ghaliex ukoll jirrikjedi x-xjenza ta' l-imputata.

L-imputata giet akkuzata fit-tieni lok b'mod alternattiv, li wkoll permezz tal-istess disposizzjoni tal-ligi, li <u>xjentement</u> ghamlet dawn is-sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew baghtu tali merkanzija jew li <u>xjentement</u> qeghdet fic-cirkolazzjoni, bieghet jew zammet ghandha ghal bejgh jew impurtat ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marki, sinjali, jew emblemi mxebbhin b'qerq.

Waqt li fit-tielet lok giet akkuzata b'dak li jipprovdi s-**sub-artikolu (f) ta' l-istess Artikolu 298 tal-Kap 9** li *"kull minn xjentement iqieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq ikun hati ta' reat".*

Illi ghalhekk hawnhekk ukoll il-ligi titkellem fuq il-kelma '*xjentement*'.

Ta' min ifakkar dak li gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin ta' Awissu 1998 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v Gawdenzio Borg</u>**, fejn inghad li:

*"bil-kelma emblema, wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni li xi whud minnhom, mahsuba sabiex iwasslu messagg possibilment dwar l-origini, l-provenjenza jew in-natura tal-merkanzija* [vide **Il-Pulizija v Alexander Pisani**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-hamsa ta' Marzu 1997] *gie ritenut li l-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jigifieri maghmula tixbah, u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment jinghad ghal marka jew sinjal, dawn iridu jkunu jixbhu marka jew sinjal awtentiku, ma hemmx ghalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu stampati, tista' tkun mehjuta.*"

Illi huwa veru li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat bieghhet mill-hanut taghha cappetta tad-ditta *Tresor Paris* ghal prezz ta' ghoxrin ewro (€20) lil Adriana Copperstone u ma jidhirx li dan hu kontestat pero' bhal f'kull delitt iehor mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss izda l-Prosekuzzjoni trid tipprova lil hin minn kull dubju ragonevoli li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-*mens rea*, l-element formali. Il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi akkwiziti tista' legittament u ragonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li l-imputata intenzjonalment jew volontarjament ghamlet dak l-att materjali li wassal ghar-reat in kwistjoni jew ghall-inqas setghetx mic-cirkostanzi ragonevoli tkun taf li qed issir dik l-attivita fil-hanut li kienet qed tbiegh fl-apert haga li mhix originali izda falza. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-imputata kienet ben konxja li qieghed tbiegh oggett ikkuppjat u ghalhekk kienet qed tghin fil-ksur tal-ligi.

L-imputata giet interrogata mill-Prosekuzzjoni a tempo vergine tal-investigazzjoni meta' rrilaxxjat l-istqarrija taghha nhar l-14 ta' Awwissu 2012 (fol. 18) u minnufih iddikjarat li kienet qed taqbel li c-cappetta li xtrat Adriana Copperstone kienet giet mixtrija minn ghandha. Ikkonfermat li kienet xtratha minn Sqallija minghand Ciniz minn fejn is-soltu tixtri l-*accessories* minghandu. Qalet li fil-fatt kienet xtrat erba' brazuletti inluz dik ta' Copperstone u lkoll bieghethom ghal prezz ta' ghoxrin ewro (€20)-il wiehed. Illi meta xehdet il-Qorti fit-13 ta' Ottubru 2014 hija kkonfemat l-istqarrija taghha u ziedet tghid li hija kienet ghazlet dawn il-brazuletti minn fuq *tray* li kellu dan ic-Ciniz. Tghid li meta rritornat lura hawn Malta poggiet il-brazuletti fil-vetrina taghha u bieghethom b'mod apert u tghid li ma kienitx taf x'inhuma dawn ic-cpiepet qabel ma xtrathom u saret taf bihom meta nbdew dawn il-proceduri. Ghaliha kienu brazuletti tal-moda u ghalhekk xtrathom.

Din hija l-verzjoni tal-fatti. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputata kienet taf li dawn l-oggetti kienu foloz jew li kienu jixbhu xi oggett originali u nbieghu minnha bhala kopja tal-original. Ghaliha kienu brazzuletti tal-moda *sic et simplicite.* Hija ma kellha l-ebda ntenzjoni biex tqarraq lil xi persuna ghaliex fil-fatt lanqas garanzija tal-prodott ma tat. Hija bieghet dak li effettivament kienet xtrat min fuq il-Monti ta' Sqallija minghand Ciniz. Meta l-Ispettur Rennie Stivala gie mistoqsi fix-xhieda tieghu jekk meta tkellem mal-imputata qalilha li kienet qed tbiegh xi haga ta' ditta li ghandha *brand* fuqha u kienet qed tbieghha gol-kaxxa bil-*brand* jigifieri li kienet qed timmarkitja l-*brand b'mod illegali* ma qaltlux li kienet taf, qaltlu biss li hasbet li setghet tixtrihom u setghet tbieghhom bhal ma qed tixtri u tbiegh affarijiet ohra. Dan hu ndikattiv li hija ma fehmitx li l-oggetti kienu foloz u ma setghux jigu mibjugha fis-suq b'mod regolari. Meta l-ufficjal prosekutur

gie mistoqsi jekk l-imputata kienitx *aware* jew le li hawn Malta kien hawn agent iehor li jgib dik id-ditta Tresor Paris huwa spjega li hu ma jistax ikun jaf. Fil-fatt jinghad li l-Prosekuzzjoni ma ghamlet l-ebda domanda lill-imputata la waqt li hija rrilaxjat l-istqarrija taghha u lanqas meta xehdet il-Qorti jekk kinitx taf bid-ditta *Tresor Paris* u jekk kinitx taf li l-oggetti li kienet qed tbiegh kienu fil-fatt foloz.

Illi ghalhekk minn ezami tal-provi u c-cirkostanzi kollha tal-bejgh in kwistjoni, din il-Qorti tara li l-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad tal-konvincment morali jew minghajr ebda dubju ragonevoli li l-imputata kienet effettivament taf fl-ewwel lok li l-oggetti li xtrat kienu foloz u li hija in segwitu bieghet oggetti foloz. Mill-banda l-ohra l-provi juru u din il-Qorti hija sodisfatta li mill-verzjoni moghtija mill-imputata certament din twassal sal-grad tal-probabbli li iktar iva milli le hija ma kellha ebda hjiel li kienet qed taghmel xi haga illegali molto piu meta tqis li kif qalet hi, li anke ricevuta tal-Vat ghall-ammont kollu harget. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-provi kemm dawk diretti u dawk cirkostanzjali jwieznu sewwa favur il-verzjoni ta’ l-imputata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 298(1)(a)(c)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputata RITIENNE BRIGUGLIO hatja tal-akkuzi u tilliberaha minnhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------